**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-4 ta' Novembru 2008 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-133/06)** ([1])

***(Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Talba għal radd lura ta' beni personali — Deċiżjoni li tiċħad it-talba f'lingwa li mhijiex il-lingwa materna tal-uffiċjal — Rikors tardiv — Inammissibbiltà manifesta)***

(2009/C 6/90)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba tar-rikorrent għal kunsinna, fir-residenza attwali tiegħu, tal-beni li tħallew preċedentement fil-post ta' servizz li ġie assenjat lilu f'Angola u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

2) *Marcuccio huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 223, 22.9.2007, p. 18.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-4 ta' Novembru 2008 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-18/07)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Talba — Ċaħda espliċita nnotifikata sussegwentement għaċ-ċaħda impliċità — Att purament konfermattiv — Ilment tardiv — Inammissibbiltà manifesta)***

(2009/C 6/91)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-25 ta' Ottubru 2005 li tiċħad it-talba tar-rikorrent sabiex jiġi rikonoxxut li huwa jbati minn marda gravi għall-finijiet tal-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Iskema Konġunta tal-Assigurazzjoni Kontra l-Mard tal-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

([1]) ĠU C 223, 22.9.2007, p. 18.

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-4 ta' Novembru 2008 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-87/07)** ([1])

***(Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Rikors għad-danni — Aġir allegatament illegali min-naħa tas-servizz mediku tal-Kummissjoni — Inammissibbiltà — Non-osservanza ta' terminu raġonevoli sabiex tiġi ppreżentata talba għal kumpens)***

(2009/C 6/92)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tilqax it-talba tar-rikorrent li jingħata kumpens għad-dannu allegatament subit minħabba aġir illegali min-naħa tas-servizz mediku li l-Kummissjoni wettqet fil-kuntest tal-ipproċessar ta' tliet ċertifikati mediċi ppreżentati mir-rikorrent matul is-Sajf tal-2001.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

2) *L. Marcuccio huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 247, 20.10.2007, p. 45.

## Rikors ippreżentat fis-6 ta' Novembru 2008 — Pleijte vs Il-Kummissjoni

**(Kawża F-91/08)**

(2009/C 6/93)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Johanna Gerdina Pleijte (Senningerberg, il-Lussemburgu) (rappreżentant: P. Nelissen Grade, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Suġġett**

L-annuallament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li teskludi l-isem tar-rikorrenti mil-lista provviżorja tal-uffiċjali magħżula fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' ċertifikazzjoni 2007 u li tnaqqas il-perijodu ta' leave għal raġunijiet personali mill-perijodu ta' 10 snin meħud inkunsiderazzjoni sabiex jiġi kkalkolat iż-żmien ta' servizz tagħha, għall-finijiet tal-imsemmija proċedura ta' ċertifikazzjoni.

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorita tal-Ħatra tas-7 ta' Awwissu 2007 li tiċħad it-talba tar-rikorrenti;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li teskludi l-isem tar-rikorrenti mil-lista provviżorja tal-uffiċjali magħżula fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' ċertifikazzjoni 2007;

— iżżid l-isem tar-rikorrenti fil-lista tal-uffiċjali magħżula fi żmien xieraq, sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tipparteċipa fil-programm ta' taħriġ previst fl-Artikolu 6 tad-DGE;

— temenda l-metodologija deskritta fl-informazzjoni amministrattiva tat-8 ta' Jannar 2008 adottata abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007)5694 tal-20 ta' Novembru 2007 dwar id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' eżekuzzjoni tal-Artikolu 45a fir-rigward tal-parti relatata mal-kalkolu tal-esperjenza fi ħdan l-istituzzjonijiet;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.

## Rikors ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2008 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

**(Kawża F-94/08)**

(2009/C 6/94)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avvocato)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament ta' memorandum li permezz tiegħu l-Kummissjoni tħabbar l-intenzjoni tagħha li tirkrupa kreditu relatat ma' spejjeż proċedurali permezz ta' tnaqqis tal-pensjoni ta' invalidità mħallsa lir-rikorrent, u talba ta' kumpens għad-dannu morali u eżistenzjali kkawżat minn dan il-memorandum.

**Talbiet tar-rkorrent**

— tannulla l-memorandum tat-28 ta' Marzu 2008, kif ukoll id-deċiżjoni kkontestata;

— tannulla, safejn huwa neċessarju, id-deċiżjoni taċ-ċaħda tal-ilment tad-19 ta' April 2008;

— tannulla, safejn huwa neċessarju, il-memorandum tal-11 ta' Awwissu 2008;

— tikkundanna lill-Kummissjoni sabiex tikkumpensa lir-rikorrent id-dannu morali u eżistenzjali kkawżat lilu mill-atti li tagħhom huwa mitlub l-annullament permezz ta' dan ir-rikors, għal ammont ta' EUR 10 000, jew dik is-somma akbar jew inqas li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jqis bħala ġusta u ekwa;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.